Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Awwissu 2022**
**(OR. en)**

**11994/22**

**UD 167**
**EF 259**
**ENFOCUSTOM 121**
**ECOFIN 830**
**JAI 1114**
**COSI 210**
**COTER 214**
**RELEX 1129**
**DROIPEN 112**
**COPEN 297**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 29 ta' Awwissu 2022 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 424 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 424 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 424 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.8.2022
COM(2022) 424 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali**

**mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020**

MT MT

# Werrej


1. Sommarju Eżekuttiv ..... 2
2. Introduzzjoni ..... 3
3. Kuntest tar-regolament ..... 4
   3.1 Kuntest Ewropew ..... 4
   3.2 Kuntest internazzjonali ..... 5
4. Implimentazzjoni tar-Regolament ..... 5
   4.1 Objettivi u Prestazzjoni ..... 5
   4.2 Definizzjoni ta’ oġġetti kulturali ..... 7
   4.3 Livelli limitu ta’ età ..... 8
   4.4 Livelli limitu finanzjarji ..... 9
   4.5 Iċ-ċifri tal-liċenzja standard tal-esportazzjoni ..... 9
   4.6 Liċenzji speċifiċi u ġenerali miftuħa ..... 10
   4.7 Eżenzjoni mir-rekwiżit tal-liċenzja tal-esportazzjoni ..... 12
   4.8 Raġunijiet għar-rifjut ta’ applikazzjoni għal liċenzja ..... 12
   4.9 Kwistjonijiet relatati mal-liċenzja ..... 13
   4.10 Kanċellazzjoni jew revoka tal-liċenzji ..... 13
   4.11 L-użu ta’ sistemi/bażijiet tad-data elettroniċi ..... 14
   4.12 Riżorsi materjali u umani ..... 15
5. Il-konklużjonijiet u l-kwistjonijiet pendenti ..... 15
6. Annessi ..... 17
   Tabella 1. Liċenzji Standard maħruġa mill-Istati Membri ..... 17
   Tabella 2. Liċenzji Speċifiċi Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni ..... 19
   Tabella 3. Liċenzji Ġenerali Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni ..... 20
   Tabella 4. Applikazzjonijiet għal-Liċenzji Standard irrifjutati ..... 21
   Tabella 5. Każijiet ta’ ksur/nuqqas ta’ konformità ..... 22

# 1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport jirrieżamina l-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzjar tal-esportazzjoni għall-oġġetti kulturali stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 116/2009 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1081/2012.[1]

Ir-rapport huwa bbażat l-aktar fuq *data* pprovduta mill-Istati Membri[2] bi tweġiba għal kwestjonarju li jkopri l-aspetti kollha tal-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzjar tal-esportazzjoni. Dan ikopri l-perjodu mill-2018 sal-2020 b'din inkluża. Iċ-ċifri rrapportati fl-anness huma relatati ma' tliet tipi ta' liċenzji tal-esportazzjoni: liċenzji standard, liċenzji speċifiċi miftuħa (esportazzjonijiet temporanji ripetuti minn persuni privati) u liċenzji ġenerali miftuħa (esportazzjonijiet temporanji ripetuti minn mużewijiet u istituzzjonijiet simili).

Ir-rapport jipprovdi wkoll informazzjoni dwar inizjattivi u sfidi attwali għall-futur, bħat-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri involuti fl-implimentazzjoni tar-Regolament, il-promozzjoni ta' fehim komuni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament mill-Istati Membri, l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki għall-awtoritajiet kompetenti u d-dwana fl-investigazzjoni tal-provenjenza ta' oġġetti kulturali, u l-esplorazzjoni tal-possibbiltajiet tekniċi, finanzjarji u legali sabiex jintużaw mezzi elettroniċi għall-ħruġ u l-kontroll ta' liċenzji tal-esportazzjoni, bħall-iżvilupp jew ir-rabta ma' sistema elettronika ċentralizzata li tista' taħdem mas-sistemi ta' żdoganar nazzjonali.

[1] L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 116/2009 jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta perjodikament rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

[2] Peress li jkopri perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, dan ir-rapport jinkludi statistika mir-Renju Unit fost dawk tal-Istati Membri tal-UE. Mill-1 ta' Jannar 2021, id-dritt tal-UE ma baqax japplika fir-Renju Unit, ħlief fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Għal dik ir-raġuni, ir-rapporti li jkopru perjodi futuri se jinkludu biss l-istatistika tas-27 Stat Membru tal-UE u tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

## 2. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali[3] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament") jagħmel l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti kulturali barra mit-territorju doganali tal-Unjoni soġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni u jiżgura li l-esportazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti jgħaddu minn kontrolli uniformi fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. L-Anness I jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament billi jelenka l-kategoriji ta' oġġetti kulturali li japplika għalihom, kif ukoll billi jistabbilixxi livelli limitu ta' età u/jew valur għall-maġġoranza tal-kategoriji elenkati.

L-objettiv tar-Regolament huwa li jirrikonċilja l-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu tal-oġġetti ma' dak tal-protezzjoni tat-teżori nazzjonali fi ħdan il-qafas storiku tal-ħolqien tas-Suq Intern fl-1993, li neħħa l-fruntieri interni kollha bejn l-Istati Membri.

Il-liċenzji tal-esportazzjoni jinħarġu mill-awtorità kompetenti tal-aħħar Stat Membru li fit-territorju tiegħu l-oġġett kulturali jkun "*jinsab b'mod definittiv u legali*"[4]. Il-liċenzja tal-esportazzjoni tingħata jew tiġi rrifjutata abbażi tal-liġijiet u r-regolamenti ta' dak l-Istat Membru. Il-kontrolli doganali mbagħad jiżguraw li oġġetti kulturali jistgħu jħallu t-territorju doganali tal-Unjoni biss jekk ikunu akkumpanjati b'liċenzja tal-esportazzjoni valida.

Sabiex jiġi żgurat li l-liċenzji tal-esportazzjoni jkunu uniformi, kien meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw it-tfassil, il-ħruġ u l-użu tal-formola tal-liċenzja. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1081/2012[5] jipprevedi tliet tipi ta' liċenzji tal-esportazzjoni (liċenzja standard, liċenzja speċifika miftuħa u liċenzja ġenerali miftuħa) u jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tagħhom. F'ċerti Stati Membri – iżda mhux kollha – l-applikant huwa meħtieġ iħallas tariffa sabiex jikseb liċenzja tal-esportazzjoni. Ċerti liġijiet tal-Istati Membri jimponu restrizzjonijiet addizzjonali, bħar-rekwiżit li tinkiseb liċenzja nazzjonali – kif ukoll liċenzja tal-esportazzjoni tal-UE - għall-moviment legali ta' oġġetti ddeżinjati bħala "teżori nazzjonali" barra mit-territorju nazzjonali.

Il-listi aġġornati tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li għandhom is-setgħa li joħorġu liċenzji tal-esportazzjoni huma ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali, kif ukoll il-lista tal-uffiċċji doganali li għandhom is-setgħa li jimmaniġġjaw il-formalitajiet tal-esportazzjoni[6].

F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament, il-Kummissjoni hija meħtieġa tippreżenta perjodikament rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq informazzjoni, inkluża *data* statistika dwar l-użu ta' liċenzji, ipprovduta mill-Istati Membri bi tweġiba għal kwestjonarju li jkopri l-aspetti kollha tal-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzjar tal-esportazzjoni, u fuq diskussjonijiet fil-Kumitat tal-Oġġetti Kulturali jew il-Grupp ta' Esperti dwar kwistjonijiet doganali relatati ma' oġġetti kulturali.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1).

[4] L-Artikolu 2(2).

[5] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1081/2012 tad-9 ta' Novembru 2012 għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali (ĠU L 324, 22.11.2012, p. 1).

[6] L-aktar pubblikazzjoni reċenti ta' dawn ir-referenzi tista' tinstab fil-ĠU C 71, 24.2.2018, p. 5. u fil-ĠU C 184, 12.5.2021, p. 13.

Peress li jkopri perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, dan ir-rapport jinkludu statistika mir-Renju Unit fost dawk tal-Istati Membri tal-UE. Mill-1 ta' Jannar 2021, id-dritt tal-UE ma baqax japplika fir-Renju Unit, ħlief fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Għal dik ir-raġuni, ir-rapporti li jkopru perjodi futuri se jinkludu biss l-istatistika tas-27 Stat Membru tal-UE u tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

## 3. KUNTEST TAR-REGOLAMENT

### *3.1 Kuntest Ewropew*

Is-sistema introdotta fil-livell tal-UE permezz tar-Regolament hija komplementari għal strumenti u inizjattivi oħrajn li għandhom l-għan li jħarsu l-proprjetà kulturali. L-aktar rilevanti minn dawn hija d-Direttiva 2014/60/UE dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru[7]. Id-Direttiva tippermetti r-ritorn ta' kwalunkwe oġġett kulturali identifikat minn Stat Membru bħala teżor nazzjonali li jkollu valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet ċentrali responsabbli mid-Direttiva fl-Istati Membri huma meħtieġa jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni dwar oġġetti kulturali mneħħija illegalment permezz tal-użu tas-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI).

Komplement ieħor importanti għar-Regolament huwa r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2019/880 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali[8]. Dan l-istrument il-ġdid jistabbilixxi r-regoli u l-kundizzjonijiet għall-importazzjoni temporanja jew permanenti fl-Unjoni ta' oġġetti kulturali li nħolqu jew ġew skoperti f'pajjiżi terzi. Minħabba d-dimensjoni tal-kummerċ estern tiegħu, it-tipoloġija tar-Regolament (UE) 2019/880 kienet ispirata primarjament mill-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u ta' Prevenzjoni tal-Importazzjoni, tal-Esportazzjoni u tat-Trasferiment Illeċiti tas-Sjieda tal-Proprjetà Kulturali[9].

Dan l-aħħar, ir-Regolament dwar l-Importazzjoni ġie kkomplementat bl-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni[10] li jistabbilixxu arranġamenti dettaljati għal-liċenzji tal-importazzjoni u d-dikjarazzjonijiet tal-importatur u għall-iżvilupp, it-tħaddim, il-manutenzjoni u l-użu ta' sistema elettronika ċentralizzata (is-"sistema ICG") għall-ħżin u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u t-twettiq ta' formalitajiet mill-operaturi f'ambjent mingħajr karti. Is-sistema ICG għandha tibda taħdem għal finijiet ta' importazzjoni sa mhux aktar tard mit-28 ta' Ġunju 2025.

Fl-aħħar nett, żewġ miżuri tal-Unjoni *ad hoc* relatati, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003[11] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012[12], jipprojbixxu l-kummerċ ta' oġġetti kulturali mal-Iraq u s-Sirja.

---

[7] Id-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (Riformulazzjoni) (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1).

[8] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2019/880 tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturalis (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 1).

[9] Pariġi, l-14 ta' Novembru 1970.

[10] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1079 tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali (ĠU L 234, 2.7.2021, p. 67).

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 (ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6).

### *3.2 Kuntest internazzjonali*

Fil-livell internazzjonali, l-aktar strument rilevanti fir-rigward tal-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali huwa l-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u ta' Prevenzjoni tal-Importazzjoni, tal-Esportazzjoni u tat-Trasferiment Illeċiti tas-Sjieda tal-Proprjetà Kulturali. Sal-lum, il-Konvenzjoni tinnumera 141 Stat Parti u ġiet ratifikata minn 26 Stat Membru tal-UE.

## 4. IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT

### *4.1 Objettivi u Prestazzjoni*

B'mod ġenerali, l-Istati Membri jqisu li r-Regolament laħaq l-objettivi tiegħu. Madankollu, ġew identifikati wkoll oqsma għal titjib.

B'mod partikolari rigward il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' oġġetti kulturali, ir-Regolament mar pjuttost tajjeb. Kif irrapportat minn Stat Membru, effett importanti tar-Regolament kien l-għarfien dejjem akbar mal-istituzzjonijiet tal-wirt, kif ukoll mal-kummerċ leġittimu tal-arti u mal-kolletturi, dwar l-importanza li jkun hemm biżżejjed informazzjoni dwar il-provenjenza qabel ma jinkiseb jew jitqiegħed oġġett kulturali fis-suq. Oġġetti li ġew esportati mingħajr liċenzja tal-UE – għalkemm dan kien meħtieġ – iġarrbu telf fil-valur tas-suq u huma aktar diffiċli li jiġu nnegozjati permezz tal-kummerċ leġittimu tal-arti.

Skont l-istess Stat Membru, is-suq tal-arti legali għadu jżomm lura milli jipprovdi informazzjoni sħiħa dwar il-provenjenza lill-awtoritajiet kompetenti għall-oġġetti kulturali li qabel kienu biegħu lil applikant għal liċenzja tal-esportazzjoni.

Ftit Stati Membri jirrimarkaw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar il-wirt għandha kamp ta' applikazzjoni usa' mir-Regolament u b'hekk tħalli ċerti tipi ta' oġġetti kulturali mhux protetti. Dwar dan, ta' min jinnota li, filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament tfassal dak iż-żmien bħala d-denominatur komuni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u jista' jkun aktar limitat mill-firxa ta' oġġetti protetti ta' ċerti Stati Membri, ir-Regolament jipprovdi protezzjoni addizzjonali għall-oġġetti kulturali li l-liġijiet nazzjonali ma humiex f'pożizzjoni li joffru.

B'mod speċifiku, fin-nuqqas ta' fruntieri interni fl-Unjoni, oġġetti minn Stat Membru wieħed jistgħu joħorġu mit-territorju tiegħu, minkejja l-projbizzjonijiet nazzjonali, u jiġu esportati legalment mill-Unjoni mit-territorju ta' Stat Membru differenti, fejn il-projbizzjonijiet tal-ewwel Stat Membru ma japplikawx. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' ċerti liġijiet dwar il-wirt nazzjonali jista' jkun aktar komprensiv, iżda dawn il-liġijiet ma jistgħux jipproteġu l-oġġetti kulturali ta' Stat Membru li jittieħdu barra mit-territorju tiegħu bil-mod kif jista' r-Regolament.

Rigward kwistjoni relatata, ċerti Stati Membri esprimew l-opinjoni li r-Regolament ma jiżgurax biżżejjed l-uniformità tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-wirt madwar l-Unjoni. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tifforma l-bażi li fuqha jingħataw jew ma jingħatawx il-liċenzji tal-esportazzjoni. F'dak is-sens, l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali li jappartjenu għal kategorija partikolari tal-Anness I tista' tiġi permessa fl-Istat Membru A – b'hekk il-liċenzja tingħata hemmhekk - iżda mhux fl-Istat Membru B – fejn il-liċenzja tiġi rrifjutata. Dan huwa normali u ma jistax jinbidel, peress li l-kwistjonijiet relatati mal-affarijiet kulturali huma ta' kompetenza esklużiva tal-Istati Membri. Konsegwentement, l-Unjoni ma setgħetx tarmonizza

---

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1).

dawn id-dispożizzjonijiet u tiddetta liema oġġetti kulturali għandu jkollhom deżinjazzjoni bħala "*patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku*"[13].

Il-kwistjoni tal-livelli limitu tal-valur issemmiet ukoll bħala mezz potenzjali sabiex tittejjeb l-effettività tar-Regolament minn numru ta' Stati Membri (f'dan ir-rigward *ara* t-Taqsima 4.4 hawn taħt).

F'dan iċ-ċiklu ta' konsultazzjonijiet, l-Istati Membri tennew il-ħtieġa li jkun hemm aktar informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-wirt ta' xulxin, u b'hekk l-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-ħruġ tal-liċenzji jkunu jistgħu jiġġieldu l-kummerċ illeċitu b'mod aktar effettiv. Madankollu, ta' min jinnota li ftit Stati Membri ma għandhomx il-leġiżlazzjoni tagħhom disponibbli online, li s'issa impediet lis-servizzi tal-Kummissjoni milli joħolqu kompendju online b'iperlinks għal dik il-leġiżlazzjoni sabiex jintuża minn amministrazzjonijiet ta' Stati Membri oħrajn u għall-esportaturi.

Fil-kuntest tal-estensjoni futura tas-sistema ICG li se tiddiġitalizza wkoll il-liċenzji tal-esportazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 116/2009, jista' jiżdied kompendju b'informazzjoni bażika dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri, kif se jkun il-każ għal-liġijiet u r-regolamenti ta' pajjiżi terzi. Sadanittant, is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jipprovaw jarrikkixxu l-paġna web dwar l-oġġetti kulturali fuq is-server Europa b'informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri (jekk ma tiġix ippubblikata online fil-livell nazzjonali, fajl PDF bit-test legali).

Mezzi oħrajn identifikati mill-Istati Membri sabiex itejbu l-prestazzjoni ġenerali tar-Regolament jinkludu gwida għall-fehim tat-termini "stabbiliti b'mod definittiv u legali" li jiddeterminaw l-Istat Membru li huwa kompetenti sabiex joħroġ il-liċenzja tal-esportazzjoni[14]. Dan jevita li operaturi bla skrupli jittrasferixxu temporanjament oġġett kulturali lil Stat Membru differenti għall-finijiet biss li japplikaw għal liċenzja fi Stat Membru li ma jkunx dak li jidentifika u jipproteġi l-oġġett bħala teżor nazzjonali. S'issa ma kien hemm l-ebda każ[15] li wasal għand il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea li hija l-unika istituzzjoni kompetenti sabiex tipprovdi interpretazzjoni awtentika ta' dawn it-termini, u għalhekk id-differenzi jippersistu fil-mod kif jinftiehmu u jiġu applikati mill-amministrazzjonijiet u mill-partijiet ikkonċernati.

---

[13] L-Artikolu 36 tat-TFUE.

[14] Ma kien hemm l-ebda każ relatat li qatt wasal għand il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, u b'riżultat ta' dan ma hemm l-ebda definizzjoni speċifika ta' dawn iż-żewġ termini.

[15] Filwaqt li ma kien hemm l-ebda ġurisprudenza tal-QĠUE dwar il-kwistjoni, reċentement waslet kawża għand il-Qorti Suprema tar-Renju Unit. Il-Qorti ntalbet tiddikjara jekk pittura kinitx "legalment" mibgħuta lejn ir-Renju Unit minn Stat Membru ieħor (l-Italja), u għalhekk jekk l-Arts Council England (ACE) kienx kompetenti sabiex jagħti liċenzja lir-Rikorrent ħalli jneħħiha mill-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament. L-ACE kien irrifjuta li joħroġ liċenzja tal-esportazzjoni għall-pittura sabiex toħroġ mill-UE fl-2015.
Il-kawża l-ewwel instemgħet fl-2018 quddiem is-Sinjura Justice Carr DBE li laqgħet ir-rifjut tal-ACE u sabet li:
(i) Il-kunċett ta' "legali" kellu "jiġi ġġudikat b'referenza għal-liġi tal-Istat Membru tad-dispaċċ, hawnhekk l-Italja" (f'[64]), fid-dawl tal-lingwa, l-istruttura u l-iskop tar-regoli ta' koordinazzjoni tal-UE (f'[57]-[63]);
(ii) Dan ir-rekwiżit tal-liġi Taljana ma kienx imur kontra d-dritt tal-UE dwar il-moviment liberu tal-oġġetti, li rrikonoxxa diskrezzjoni sostanzjali għall-Istati Membri sabiex jipproteġu t-teżori nazzjonali tagħhom ([87]-[94]).
http://www.bailii.org/ew/cases/EWHC/Admin/2018/1822.html
Ingħatat l-awtorizzazzjoni għall-appell u l-Qorti tal-Appell ċaħdet il-kawża fl-2020:
https://www.blackstonechambers.com/documents/883/R_Simonis_v_Arts_Council_England.docx
Imbagħad saret applikazzjoni quddiem il-Qorti Suprema iżda din ġiet miċħuda wkoll:
http://www.supremecourt.uk/docs/permission-to-appeal-2021-01-2021-02.pdf (*ara* l-paġna 3).

Il-Grupp tal-Proġett li nħoloq fl-2017 bil-għan li jeżamina l-metodi ta' ħidma tal-Istati Membri użati għall-fini tal-investigazzjoni tal-provenjenza tal-oġġetti kulturali u sabiex jidentifika l-aħjar prattiki u jiżviluppa pariri prattiċi għall-ħruġ ta' liċenzji u kontrolli doganali lesta x-xogħol tiegħu b'suċċess u ppreżenta r-rapport u d-dokumenti ta' gwida tiegħu lill-Grupp ta' Esperti għall-kwistjonijiet doganali relatati mal-oġġetti kulturali fl-2020.

Fost il-kwistjonijiet eżaminati, il-Grupp ipprova jiddefinixxi l-kunċett ta' "provenjenza", jiġifieri l-elementi ta' informazzjoni li awtorità kompetenti għandha titlob mingħand applikant dwar l-oġġett li għandu jiġi esportat, sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-għoti tal-liċenzja. F'dan il-kuntest, il-Grupp ikkonkluda li l-provenjenza ta' oġġett kulturali tista' tiġi ddefinita bħala "l-istorja u s-sjieda ta' oġġett miż-żmien tal-iskoperta jew tal-ħolqien tiegħu sa' dan il-jum, li permezz tiegħu jiġu ddeterminati l-awtentiċità u s-sjieda".

### *4.2 Definizzjoni ta' oġġetti kulturali*

Ir-Regolament ma jiddefinixxix x'inhu oġġett kulturali. Minflok, fl-Anness I tiegħu, jelenka 15-il kategorija ta' oġġetti, li huma dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Il-biċċa l-kbira tal-kategoriji elenkati huma akkumpanjati minn livelli limitu ta' età u valur. B'mod ġenerali, huwa meqjus li l-Anness I jipprovdi qafas adegwat.

Fir-rigward tal-fehim tal-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-kategoriji elenkati fl-Anness I, ġew identifikati diffikultajiet partikolari b'qari uniformi mill-Istati Membri f'dan iċ-ċiklu ta' konsultazzjonijiet – kif ġara f'rapporti preċedenti - b'ċerti tipi ta' oġġetti kulturali:

- muniti antiki;
- il-kopertura ta' kollezzjonijiet ta' oġġetti għall-kuntrarju ta' kampjuni uniċi fil-Kategorija 13.b;
- il-klassifikazzjoni tal-ikoni liturġiċi bħala pitturi jew bħala partijiet ta' monumenti[16];
- jekk l-elenkar ta' ċerti tipi ta' oġġetti fil-Kategorija 15.a huwiex eżawrjenti jew indikattiv;
- it-tqabbil ta' kategorija speċifika mal-klassifikazzjoni tariffarja xierqa (il-kodiċi NM).

Is-servizzi tal-Kummissjoni ppromwovew b'mod konsistenti d-djalogu u l-iskambju ta' opinjonijiet fost l-Istati Membri dwar dawk il-kwistjonijiet, inkluż fi ħdan il-Grupp tal-Proġett "Interpretazzjoni tal-Kategoriji" magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri (mill-2013 sal-2017), li ngħata l-kompitu li jiġbor l-opinjonijiet prevalenti dwar kif għandhom jinqraw il-kategoriji differenti ta' oġġetti kulturali u identifika d-differenzi ewlenin bejn l-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet ta' hawn fuq.

Għandu jiġi nnotat ukoll li, b'mod partikolari fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' ikoni liturġiċi, il-kjarifiki mressqa mir-Regolament il-ġdid (UE) 2019/880 dwar l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali huma mistennija li jsolvu l-kwistjoni (ikoni u statwi liturġiċi huma partijiet ta' monumenti reliġjużi).

Fir-rigward tat-tqabbil ta' kategorija speċifika ta' oġġetti kulturali mal-klassifikazzjoni tariffarja xierqa, jidher li hemm żewġ tipi ta' problemi.

---

[16] Id-differenza prattika ewlenija hija li l-pitturi (il-Kategorija 3) għandhom livell limitu ta' valur ta' EUR 150 000, filwaqt li l-partijiet ta' monumenti (il-Kategorija 2) jirrikjedu liċenzja tal-esportazzjoni irrispettivament mill-valur tas-suq. Madankollu, għandu jiġi nnotat ukoll li, b'mod partikolari fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' ikoni liturġiċi, il-kjarifiki mressqa mir-Regolament il-ġdid (UE) 2019/880 dwar l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali huma mistennija li jsolvu l-kwistjoni (ikoni u statwi liturġiċi huma partijiet ta' monumenti reliġjużi).

L-ewwel waħda tikkonċerna oġġetti kulturali li huma kklassifikati taħt il-Kapitolu 97 tan-Nomenklatura Magħquda tal-UE. Dak il-Kapitolu ftit li xejn għandu sottodiviżjonijiet u jiġbor flimkien taħt l-istess intestatura tariffarja diversi kategoriji distinti ta' oġġetti kulturali. Dan jagħmilha diffiċli li jiġi ddeterminat il-kodiċi tariffarju applikabbli f'kull każ u, għalhekk, il-kategorija li taħtha oġġett kulturali għandu jiġi kklassifikat għall-finijiet tar-Regolament u/jew il-klassifikazzjoni tariffarja li taħtha għandu jiġi ddikjarat fid-dwana. L-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO) li hija responsabbli għan-nomenklatura tariffarja fil-livell internazzjonali, dan l-aħħar ħabbret l-intenzjoni li jinħolqu aktar sottodiviżjonijiet għall-Kapitolu 97 u wieħed jittama li dan se jsolvi l-kwistjoni.

Problema oħra tirriżulta mill-emendi perjodiċi tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (is-"SA") – li fuqha hija bbażata n-Nomenklatura Magħquda tal-UE - fil-livell internazzjonali. Minn meta r-Regolament daħal fis-seħħ fl-1993, kien hemm ħafna emendi suċċessivi tas-SA u, b'riżultat ta' dan, ċerti kodiċijiet tariffarji li huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament sadanittant ġew immodifikati u xi drabi huwa diffiċli, skont id-deskrizzjoni tal-kategorija mogħtija f'dak l-anness biss, sabiex jinstab liema hija dik xierqa għal kategorija partikolari ta' oġġetti kulturali.

Fir-rigward tat-tfassil ta' linji gwida għall-interpretazzjoni tal-kategoriji, anke jekk dawn il-linji gwida jiġu miftiehma mill-Istati Membri – li mhux dejjem kien il-każ – xorta ma jkunux legalment vinkolanti u għalhekk ma jkunux jistgħu jipprovdu ċertezza legali lill-partijiet ikkonċernati. Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea biss tista' tinterpreta d-dritt tal-UE u, kif imsemmi qabel, il-Qorti s'issa ma kellhiex l-opportunità li tiddeċiedi dwar kwalunkwe waħda minn dawk il-mistoqsijiet. Madankollu, l-ammont konsiderevoli ta' ħidma mwettqa mill-Grupp "Interpretazzjoni tal-Kategoriji" xorta jista' jkun ta' użu, skont l-Istati Membri, eż. l-analiżi u l-konklużjonijiet tiegħu jistgħu jitqiesu f'reviżjoni futura tar-Regolament u tal-Anness I tiegħu.

### *4.3 Livelli limitu ta' età*

Il-**livelli limitu ta' età** stabbiliti mir-Regolament għal ċerti kategoriji ta' oġġetti kulturali jitqiesu adegwati mill-maġġoranza tal-Istati Membri.

Xi Stati Membri huma tal-fehma li l-livelli limitu tal-età huma għoljin wisq sabiex ikopru u jipproteġu l-oġġetti kollha li huma ddeżinjati bħala "teżori nazzjonali" fit-territorju tagħhom stess. Min-naħa l-oħra, ċerti Stati Membri oħrajn jqisu l-livelli limitu ta' età baxxi wisq, speċjalment għall-kategoriji mingħajr livell limitu ta' valur (eż. arkivji; manuskritti), fejn l-awtoritajiet doganali u kompetenti jistgħu jintalbu jittrattaw numru kbir ta' oġġetti kontemporanji prodotti f'serje li, għalkemm teknikament jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u għalhekk soġġetti għal-liċenzjar, ġeneralment ma jiġux perċepiti bħala "*importanti għall-arkeoloġija, il-preistorja, l-istorja, il-letteratura, l-arti jew ix-xjenza*"[17].

Fin-nuqqas ta' definizzjoni ta' oġġetti kulturali fir-Regolament – bħal dik prevista fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 – kwalunkwe oġġett li jissodisfa l-kriterji tekniċi ta' età u/jew valur, irrispettivament minn jekk għandux sinifikat kulturali reali, jista' jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u trid tinħareġ liċenzja tal-esportazzjoni sabiex joħroġ b'mod legali mit-territorju tal-Unjoni.

[17] Definizzjoni ta' proprjetà kulturali fil-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970, l-Artikolu 1.

*4.4 Livelli limitu finanzjarji*

Fir-rigward tal-**livelli limitu tal-valur** għall-oġġetti kulturali stabbiliti fl-Anness I.B tar-Regolament, numru sinifikanti ta' Stati Membri jqisu li dawn huma pjuttost għoljin, filwaqt li minoranza żgħira ta' Stati Membri jqisu li għandhom ikomplu jogħlew.

Stat Membru wieħed – favur iż-żieda tal-limiti tal-valur fl-Anness I.B – irrimarka li l-valuri minimi ilhom ma jiġu riveduti minn meta ġie adottat ir-Regolament oriġinali (minbarra ż-żieda ta' limitu monetarju separat għall-akkwarelli, il-gousches u l-pastell fl-1996) u ssuġġerixxa li dawn għandhom jiġu rieżaminati abbażi tal-Artikolu 10(2), it-tieni subparagrafu, sabiex titqies l-inflazzjoni.

Stati Membri oħrajn – favur it-tnaqqis tal-livelli limitu – jirrakkomandaw li jintuża mekkaniżmu ta' aġġustament, sabiex jitqiesu l-fluttwazzjonijiet monetarji, u "koeffiċjent tal-pajjiż", sabiex jitqiesu d-differenzi bejn il-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-arti tal-Istati Membri. Kif jirrimarka wieħed minn dawn l-Istati Membri, bosta oġġetti li jiġu eżibiti u li jifformaw parti minn kollezzjonijiet permanenti fil-mużewijiet tagħhom ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament biss minħabba l-livelli limitu ta' valur għoli tiegħu - minkejja l-fatt li l-oġġetti inkwistjoni huma deżinjati b'mod ċar bħala teżori nazzjonali b'wirt storiku u sinifikat kulturali.

*4.5 Iċ-ċifri tal-liċenzja standard tal-esportazzjoni*

In-numru ta' liċenzji standard maħruġa mill-Istati Membri matul il-perjodu mill-2018 sal-2020 kien ta' 44 138 (ara wkoll it-Tabella 1 fl-anness għad-*data* annwali).

**Liċenzji standard skont l-Istati Membri bejn l-2018 u l-2020**



F'ordni mill-kbir għaż-żgħir, il-kategoriji ewlenin li għalihom waslu l-applikazzjonijiet għal liċenzji matul il-perjodu ta' rapportar kienu: xogħlijiet tal-arti (pitturi, mużajki, akkwarelli u gouaches, inċiżjonijiet, skulturi), oġġetti arkeoloġiċi (l-aktar esportazzjoni temporanja għall-esibizzjonijiet); inkunabulu, manuskritti u mapep; oġġetti ta' interess numiżmatiku (muniti), segwiti minn diversi tipi ta' antikitajiet tal-Kategorija 15 bħal ġojjellerija, strumenti mużikali, għamara, arloġġi, armi, ġugarelli, twapet, eċċ. (l-aktar għall-esportazzjoni definittiva). Diversi Stati Membri rrapportaw tnaqqis sinifikanti fin-numru ta' esportazzjonijiet għal ċerti kategoriji (eż. pitturi) matul is-sena 2020, li jattribwixxu għall-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, għal darb'oħra skont l-Istati Membri, ġiet osservata żieda sinifikanti fin-numru ta' liċenzji nazzjonali ("moviment liberu") matul l-istess perjodu li jindika żieda fid-domanda fis-suq tal-Unjoni.

### *4.6 Liċenzji speċifiċi u ġenerali miftuħa*

Jistgħu jinħarġu liċenzji speċifiċi miftuħa għal oġġett kulturali speċifiku li jiġi **esportat temporanjament fuq bażi regolari minn persuna privata** (l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni). Matul il-perjodu bejn l-2018 u l-2020, in-numru ta' liċenzji speċifiċi miftuħa li nħarġu kien ta' 3 828 (ara wkoll it-Tabella 2 fl-anness għad-*data* annwali). Madwar nofs l-Istati Membri jirrapportaw li ma jipprevedux il-ħruġ ta' liċenzji bħal dawn. L-Istati Membri li joħorġu liċenzji speċifiċi miftuħa jagħmlu dan l-aktar għal strumenti mużikali esportati għal wirjiet artistiċi jew għal mezzi tat-trasport antiki esportati għal wirjiet.

Minbarra żewġ Stati Membri, l-oħrajn kollha ħarġu numru relattivament baxx ta' dawn il-liċenzji matul il-perjodu ta' rapportar.

## Liċenzji Speċifiċi Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni skont l-Istati Membri bejn l-2018 u l-2020




Il-perjodu massimu ta' validità ta' liċenzji speċifiċi miftuħa huwa stabbilit permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għal 5 snin. Il-maġġoranza tal-Istati Membri li joħorġu liċenzji bħal dawn japplikaw dak il-limitu; madankollu, jeżistu xi eċċezzjonijiet fejn it-tul massimu tal-validità huwa jew mhux speċifikat jew iqsar (bejn sena u tliet snin). Matul il-perjodu ta' validità, hija permessa l-esportazzjoni ripetuta tal-oġġetti kkonċernati.

Liċenzji ġenerali miftuħa (l-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni) jippermettu l-esportazzjoni temporanja fuq bażi regolari ta' oġġetti kulturali minn **mużewijiet u istituzzjonijiet simili**. Matul il-perjodu bejn l-2018 u l-2020 in-numru ta' liċenzji ġenerali miftuħa li nħarġu kien ta' 1 727 (ara wkoll it-Tabella 3 fl-anness għad-*data* annwali). Il-perjodu massimu ta' validità ta' dawn il-liċenzji huwa stabbilit ukoll għal 5 snin. Il-maġġoranza tal-Istati Membri li joħorġu liċenzji bħal dawn japplikaw limitu iqsar. It-tul ġeneralment jiddependi mill-kopertura tal-assigurazzjoni jew il-ħtiġijiet tas-self jew tal-wirja.

## Liċenzji Ġenerali Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni skont l-Istati Membri bejn l-2018 u l-2020




*4.7 Eżenzjoni mir-rekwiżit tal-liċenzja tal-esportazzjoni*

Din l-eżenzjoni, abbażi tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament, tippermetti lill-Istati Membri ma jirrikjedux liċenzja tal-esportazzjoni għal oġġetti tal-Kategorija 1, l-ewwel u t-tieni inċiż, meta dawn l-oġġetti jitqiesu ta' interess arkeoloġiku jew xjentifiku limitat.

F'perjodi ta' rapportar preċedenti, Stat Membru wieħed biss irrapporta li kien għamel użu minn din id-dispożizzjoni. Madankollu, matul dan il-perjodu ta' rapportar, żewġ Stati Membri addizzjonali rrapportaw li eżentaw oġġetti arkeoloġiċi ta' interess limitat mir-rekwiżit ta' liċenzjar. Jidher li l-kriterju użat sabiex jiġi ddeterminat "interess limitat" huwa bbażat fuq it-tip ta' oġġetti, b'mod partikolari, jekk humiex oġġetti li ġew prodotti f'numru kbir fil-passat u huma kważi identiċi (eż. muniti antiki) jew jekk humiex oġġetti li ilhom "jintwerew" għal ħafna snin u, għalhekk, ma jistgħux jibqgħu jitqiesu bħala "l-prodott ***dirett*** *tal-iskavi*".

*4.8 Raġunijiet għar-rifjut ta' applikazzjoni għal liċenzja*

Bħal fil-perjodi ta' rapportar preċedenti, il-każijiet ta' rifjut ta' applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni huma pjuttost rari. Bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit li jirrappreżenta żewġ terzi tas-suq tal-arti tal-UE u li rrapporta 14-il rifjut, il-maġġoranza tal-Istati Membri l-oħrajn bħala medja rrifjutaw anqas minn applikazzjoni waħda fis-sena tal-perjodu ta' rapportar. Diversi Stati Membri jirrapportaw li ma rrifjutaw l-ebda applikazzjoni matul il-perjodu ta' rapportar u żewġ Stati Membri saħansitra jirrapportaw li qatt ma rrifjutaw applikazzjoni għal liċenzja.

Fir-rigward tar-raġunijiet li għalihom l-applikazzjonijiet ġew irrifjutati, minbarra d-deżinjazzjoni tal-oġġett bħala teżor nazzjonali li l-esportazzjoni tiegħu hija pprojbita, ir-raġunijiet invokati aktar ta' spiss huma li l-operatur ma ssottomettiex l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti korretta tal-Istat Membru; li l-applikant irrifjuta jew b'xi mod ieħor

naqas milli jipprovdi l-informazzjoni mitluba dwar il-provenjenza leċita; li l-oġġett huwa falz; li l-oġġett ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament; jew li l-applikant naqas milli jikseb il-liċenzja nazzjonali ta' moviment liberu meħtieġa.

Fir-rigward tal-aħħar raġunijiet għal rifjut, ċerta leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tirrikjedi li, minbarra l-liċenzja tal-esportazzjoni tal-UE, esportatur jeħtieġ ukoll li jikseb liċenzja nazzjonali ta' "moviment liberu", li tawtorizza l-ħruġ tal-oġġett kulturali mit-territorju nazzjonali. Fil-każ ta' ċerti liġijiet tal-Istati Membri li jipprevedu liċenzji nazzjonali ta' "moviment liberu", il-liċenzja tal-esportazzjoni tal-UE trid tiġi applikata, jew simultanjament jew f'ammont ta' żmien stabbilit wara li tinħareġ il-liċenzja nazzjonali ta' "moviment liberu", jiġifieri l-ksib ta' liċenzja nazzjonali huwa prekundizzjoni u l-bażi għall-għoti tal-liċenzja tal-esportazzjoni tal-UE.

### *4.9 Kwistjonijiet relatati mal-liċenzja*

**Ritratti**. L-inklużjoni ta' ritratti fl-applikazzjoni għal liċenzja hija element importanti ħafna, peress li tippermetti lid-dwana tidentifika l-oġġett meta tikkontrolla l-liċenzja tal-esportazzjoni. L-Istati Membri kollha jirrikjedu ritratti fir-rigward tal-esportazzjonijiet definittivi, b'enfasi partikolari fuq l-esportazzjoni ta' kollezzjonijiet koperti taħt liċenzja unika. Ċerti Stati Membri jagħmlu xi eċċezzjonijiet f'każijiet ta' esportazzjoni temporanja jew oġġetti ta' valur/interess baxx (eż. kollezzjonijiet ta' kotba jew oġġetti li ma għandhomx marki identifikabbli).

**Ritorn tal-Iskeda Nru 3**. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi fl-Artikolu 5 tiegħu li l-Iskeda Nru 3[18] tal-formola tal-liċenzja tal-esportazzjoni għandha tiġi rritornata mill-uffiċċju doganali tal-ħruġ lill-awtorità kompetenti emittenti sabiex tikkonferma li l-esportazzjoni tabilħaqq seħħet u li l-liċenzja ntużat. Madankollu, l-Istati Membri jirrapportaw li dan ma jsirx fil-każijiet kollha.

Żewġ Stati Membri biss li żviluppaw u qegħdin jużaw sistema elettronika għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni jistgħu jivverifikaw jekk intużawx il-liċenzji kollha, peress li s-sistema tagħhom hija mqabbda mad-dwana. Anke f'dawn il-każijiet, il-verifika hija diffiċli meta l-oġġetti kulturali joħorġu mill-Unjoni mit-territorju ta' Stat Membru differenti. L-użu ta' sistema ċentralizzata ta' liċenzjar elettroniku b'interfaċċa mas-sistemi tal-IT doganali - bħal dik li bħalissa qiegħda tiġi żviluppata għall-finijiet tar-Regolament dwar l-Importazzjoni - ġeneralment jitqies mill-Istati Membri bħala s-soluzzjoni ideali għal din il-problema.

### *4.10 Kanċellazzjoni jew revoka tal-liċenzji*

Madwar nofs l-Istati Membri għandhom leġiżlazzjoni li tipprevedi r-revoka jew il-kanċellazzjoni ta' liċenzji wara li jkunu nħarġu, jew minn dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' oġġetti kulturali jew abbażi ta' liġi amministrattiva ġenerali li titlob li jiġi revokat att amministrattiv meta jkun ibbażat fuq informazzjoni qarrieqa jew falza. Matul il-perjodu ta' rapportar, Stat Membru wieħed biss irrevoka l-liċenzji tal-esportazzjoni (wieħed). Stat Membru ieħor irrapporta li rrevoka 13-il liċenzja nazzjonali ta' "moviment liberu", li huma prekundizzjoni f'dak l-Istat Membru għall-għoti ta' liċenzja tal-esportazzjoni tal-UE.

[18] Il-formola tinkludi tliet skedi: L-Iskeda Nru 1 tikkostitwixxi l-applikazzjoni, l-Iskeda Nru 2 hija għad-detentur tal-liċenzja u l-Iskeda Nru 3 għandha tintbagħat lura lill-awtorità tal-ħruġ, ladarba l-oġġett kulturali jkun ħareġ mill-Unjoni.

*4.11 L-użu ta' sistemi/bażijiet tad-data elettroniċi*

Kif iddikjarat hawn fuq (*ara* t-Taqsima 3.1), is-servizzi tal-Kummissjoni jinsabu fil-proċess li jiżviluppaw sistema elettronika ċentralizzata għat-twettiq tal-formalitajiet u għall-kooperazzjoni amministrattiva fil-kuntest tar-Regolament 2019/880, l-hekk imsejħa "sistema ICG" għall-importazzjoni ta' oġġetti kulturali. Peress li din is-sistema hija mistennija li tiffaċilita l-kontrolli u tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' oġġetti kulturali li joriġinaw minn pajjiżi terzi, tqies xieraq li jsir l-istess sforz u għandha tingħata protezzjoni ugwali għall-oġġetti kulturali ta' oriġini Ewropea. Għalhekk, is-servizzi tal-Kummissjoni ħadu ħsieb li jfasslu s-sistema ICG b'tali mod li din tkun tista' tintuża wkoll fil-futur – bl-adattamenti meħtieġa – għall-finijiet tas-sistema tal-liċenzjar tal-esportazzjoni tal-Unjoni.

Numru dejjem akbar ta' Stati Membri ddiġitalizzaw jew bħalissa jinsabu fil-proċess li jiddiġitalizzaw is-sistema ta' liċenzjar tal-esportazzjoni tagħhom. F'ċerti Stati Membri, l-applikazzjoni tista' timtela u tiġi sottomessa b'mod elettroniku (eż. billi jimtela fajl PDF attiv online) iżda mbagħad il-liċenzja tal-esportazzjoni nnifisha għadha tiġi ffirmata u tinħareġ fuq karta. Dan huwa dovut għad-dispożizzjonijiet tal-att ta' implimentazzjoni, li jimponi l-użu ta' liċenzja stampata.

F'dan il-kuntest, ta' min jinnota wkoll li, il-leġiżlazzjoni nazzjonali f'diversi Stati Membri, bħalissa tipprevedi d-dritt taċ-ċittadini li jkunu jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet lill-awtoritajiet pubbliċi f'format diġitali, online. Dan jikkonċerna t-tipi kollha ta' applikazzjonijiet - mhux biss dawk relatati mal-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali - u joħloq l-obbligu korrispondenti għall-amministrazzjoni li tiżviluppa l-pjattaformi u s-sistemi xierqa tal-IT sabiex tiddiġitalizza l-proċeduri tagħha u sabiex tkun tista' tirċievi applikazzjonijiet elettroniċi miċ-ċittadini applikanti. Konsegwentement, diversi Stati Membri żviluppaw sistemi elettroniċi nazzjonali bħal dawn, sabiex jittrattaw kemm il-liċenzji tal-esportazzjoni tal-Unjoni kif ukoll il-liċenzji nazzjonali tal-moviment liberu, jiġifieri l-liċenzji għall-moviment intra-Unjoni ta' oġġetti kulturali.

Il-benefiċċji ta' sistema diġitali tal-UE għal-liċenzji tal-esportazzjoni huma bosta, kif ukoll evidenti minnhom infushom: kooperazzjoni u komunikazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet kompetenti doganali u kulturali fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Unjoni; monitoraġġ aħjar tal-użu tal-liċenzji, speċjalment meta l-uffiċċju doganali tal-ħruġ ikun fi Stat Membru differenti minn dak li jkun ħareġ il-liċenzja; interfaċċa mas-sistemi tal-IT doganali permezz tal-ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana; l-iffaċilitar tal-kummerċ għall-esportaturi; uniformità akbar fl-implimentazzjoni tar-Regolament; it-twettiq aktar mgħaġġel tal-formalitajiet f'ambjent mingħajr karti u l-prevenzjoni effettiva tal-falsifikazzjoni - sabiex insemmu biss ftit, u għalhekk il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri huma ferm favur id-diġitalizzazzjoni. Madankollu, żewġ Stati Membri esprimew ċertu tħassib dwar l-użu ta' sistema elettronika ċentralizzata tal-istess tip bħal dik li bħalissa qiegħda tiġi żviluppata għall-finijiet tal-importazzjoni.

B'mod speċifiku, l-Istati Membri inkwistjoni rrimarkaw li s-sistemi nazzjonali jew il-bażijiet tad-*data* li qegħdin jużaw bħalissa huma adattati għall-ispeċifiċitajiet tagħhom, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tagħhom tipprevedi liċenzji nazzjonali li jridu jinkisbu flimkien mal-liċenzja tal-esportazzjoni tal-Unjoni jew meta l-liċenzja nazzjonali tkun prekundizzjoni għall-ħruġ tal-liċenzja tal-esportazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, fid-dawl tal-investiment li sar, jista' jidher kontroproduttiv li s-sistemi nazzjonali tagħhom jiġu eliminati kompletament sabiex jiġu ssostitwiti b'sistema ċentralizzata tal-UE.

Għal din ir-raġuni, is-servizzi tal-Kummissjoni nedew studju ta' fattibbiltà li se janalizza u jeżamina - fost aspetti oħrajn tad-diġitalizzazzjoni - l-argument għall-vijabbiltà tal-iżvilupp ta' estensjoni "ibrida" tas-sistema ICG għal skopijiet ta' esportazzjoni, li tiċċentralizza l-funzjonalitajiet li jipprovdu l-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni, filwaqt li tħalli elementi oħrajn li jiġu ġestiti aħjar fil-livell tal-Istati Membri għas-sistemi nazzjonali (bil-possibbiltà li jkun hemm interfaċċa).

Id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-esportazzjoni se tirrikjedi emenda tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament (ir-Regolament (UE) Nru 1081/2012). L-istess strument għandu jiddetermina wkoll ir-relazzjoni bejn il-liċenzji tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti dokumentarji[19].

### *4.12 Riżorsi materjali u umani*

Il-ħtiġijiet tal-persunal u tar-riżorsi għall-implimentazzjoni tar-Regolament baqgħu stabbli fil-maġġoranza tal-Istati Membri matul il-perjodu ta' rapportar. Fi tliet Stati Membri, ir-riżorsi umani żdiedu b'reazzjoni għaż-żieda fil-ħtiġijiet ta' politika u amministrattivi u f'żewġ Stati Membri oħrajn, il-ħtiġijiet żdiedu iżda għadhom ma humiex ibbilanċjati billi jiġu rreklutati r-riżorsi meħtieġa (wieħed minn dawn l-Istati Membri semma l-pandemija tal-COVID-19 bħala r-raġuni għad-dewmien fir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali). Tliet Stati Membri rrapportaw li l-ħtiġijiet tagħhom naqsu minħabba numru aktar baxx ta' liċenzji tal-esportazzjoni (il-COVID-19 reġgħet ġiet iddikjarata bħala l-kawża tat-tnaqqis).

## 5. IL-KONKLUŻJONIJIET U L-KWISTJONIJIET PENDENTI

Abbażi tal-feedback li wasal mingħand l-Istati Membri għall-perjodu ta' rapportar bejn l-2018 u l-2020, ir-Regolament jidher li sejjer tajjeb f'termini tal-ilħuq tal-objettivi tiegħu u jqisuh strument legali importanti għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tal-oġġetti kulturali.

Kif kien il-każ fir-rapporti preċedenti, il-kooperazzjoni amministrattiva u l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli mill-applikazzjoni tar-Regolament madwar l-Unjoni huma identifikati bħala wieħed mill-aspetti ewlenin fejn l-implimentazzjoni tista' tittejjeb.

Id-differenzi fil-fehim ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament u, b'mod partikolari, il-kamp ta' applikazzjoni tal-kategoriji ta' oġġetti kulturali u t-terminu ewlieni ta' [fejn l-oġġetti] "*jinsabu b'mod definittiv*" – li jiddetermina liema Stat Membru għandu l-kompetenza li joħroġ il-liċenzja tal-esportazzjoni - huma identifikati wkoll bħala ostakli possibbli għall-implimentazzjoni uniformi tar-Regolament.

Diversi Stati Membri jirrimarkaw ukoll li l-livelli limitu tal-valur ma humiex adattati sew għall-prezzijiet u s-swieq lokali u, billi huma għoljin wisq, huma jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni u mill-protezzjoni offruta mir-Regolament ħafna oġġetti kulturali li huma ddeżinjati mil-liġijiet tagħhom bħala teżori nazzjonali.

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri affermaw mill-ġdid ir-rieda tagħhom li jitbiegħdu minn sistema ta' liċenzji tal-esportazzjoni stampati u jgħaddu għal sistema elettronika u mingħajr karti. Huma jqisu li d-diġitalizzazzjoni tal-liċenzji tal-esportazzjoni se tiffaċilita t-twettiq tal-formalitajiet mill-operaturi; se tħaffef il-ġestjoni tal-applikazzjonijiet; ittejjeb il-verifika tal-

[19] Fil-fatt, f'żewġ Stati Membri, il-liċenzji jew iċ-ċertifikati nazzjonali tal-importazzjoni jistgħu jingħataw fuq talba (għal importazzjonijiet temporanji), u b'hekk l-importaturi ta' oġġetti kulturali jkunu eżentati milli jkollhom jiksbu u jippreżentaw liċenzja tal-esportazzjoni tal-UE fid-dwana meta l-oġġetti inkwistjoni jkunu qegħdin jirritornaw lejn il-pajjiż terz ta' oriġini.

provenjenza mill-awtoritajiet kompetenti; u ttejjeb l-effettività u l-effiċjenza tal-kontrolli doganali.

## 6. ANNESSI

*Tabella 1. Liċenzji Standard maħruġa mill-Istati Membri*

| Stat Membru | Sena | | | 2018 - 2020 | Sehem mit-total f' % |
|---|---|---|---|---|---|
| | 2018 | 2019 | 2020 | | |
| **BE** | 340 | 352 | 181 | 873 | 1,98 % |
| **BG** | 0 | 1 | 0 | 1 | 0,00 % |
| **CZ** | 12 | 96 | 2 | 110 | 0,25 % |
| **DK** | 59 | 61 | 24 | 144 | 0,33 % |
| **DE** | 1 368 | 1 387 | 931 | 3 686 | 8,35 % |
| **EE** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **IE** | 16 | 17 | 11 | 44 | 0,10 % |
| **EL** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **ES** | 1 694 | 1 838 | 2 185 | 5 717 | 12,95 % |
| **FR** | 3 064 | 2 990 | 1 841 | 7 895 | 17,89 % |
| **HR** | 19 | 9 | 14 | 42 | 0,10 % |
| **IT** (1) | 67 | 99 | 87 | 253 | 0,57 % |
| **CY** | 2 | 5 | 2 | 9 | 0,02 % |
| **LV** | 0 | 1 | 0 | 1 | 0,00 % |
| **LT** (2) | | | | | 0,00 % |
| **LU** | 6 | 3 | 1 | 10 | 0,02 % |
| **HU** | 4 | 9 | 1 | 14 | 0,03 % |
| **MT** | 0 | 19 | 7 | 26 | 0,06 % |
| **NL** | 368 | 289 | 218 | 875 | 1,98 % |
| **AT** | 858 | 702 | 371 | 1 931 | 4,37 % |
| **PL** | 58 | 9 | 2 | 69 | 0,16 % |
| **PT** | 385 | 396 | 582 | 1 363 | 3,09 % |
| **RO** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **SI** | 16 | 16 | 20 | 52 | 0,12 % |
| **SK** | 11 | 12 | 5 | 28 | 0,06 % |
| **FI** | 7 | 1 | 0 | 8 | 0,02 % |
| **SE** | 134 | 70 | 33 | 237 | 0,54 % |
| **UK** | 8 351 | 8 177 | 4 222 | 20 750 | 47,01 % |
| **Total** | **16 839** | **16 559** | **10 740** | 44 138 | 100,00 % |

(1)

| 2018 | 2019 | 2020 |
|---|---|---|
| Liċenzji ta' esportazzjoni permanenti 64<br>Liċenzji ta' esportazzjoni temporanja 3 | Liċenzji ta' esportazzjoni permanenti 94<br>Liċenzji ta' esportazzjoni temporanja 5 | Liċenzji ta' esportazzjoni permanenti 85<br>Liċenzji ta' esportazzjoni temporanja 2 |

(2) Ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* statistika

*Tabella 2. Liċenzji Speċifiċi Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni*

| **Stat Membru** | **Sena** | | | **2018 - 2020** | **Sehem mit-total f' %** |
|---|---|---|---|---|---|
| | **2018** | **2019** | **2020** | | |
| **BE** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **BG** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **CZ** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **DK** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **DE** | 555 | 965 | 828 | 2 348 | 61,34 % |
| **EE** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **IE** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **EL** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **ES** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **FR** | 4 | 1 | 2 | 7 | 0,18 % |
| **HR** | 0 | 0 | 1 | 1 | 0,03 % |
| **IT** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **CY** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **LV** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **LT** (1) | | | | 0 | 0,00 % |
| **LU** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **HU** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **MT** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **NL** | 336 | 394 | 394 | 1 124 | 29,36 % |
| **AT** | 0 | 0 | 1 | 1 | 0,03 % |
| **PL** | 6 | 15 | 15 | 36 | 0,94 % |
| **PT** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **RO** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **SI** | 0 | 0 | 1 | 1 | 0,03 % |
| **SK** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **FI** | - | - | - | 0 | 0,00 % |
| **SE** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **UK** | 146 | 142 | 22 | 310 | 8,10 % |
| **Total** | 1 047 | 1 517 | 1 264 | 3 828 | 100,00 % |

(1) Ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* statistika

*Tabella 3. Liċenzji Ġenerali Miftuħa fiċ-ċirkolazzjoni*

| Stat Membru | Sena | | | 2018 - 2020 | Sehem mit-total f' % |
|---|---|---|---|---|---|
| | 2018 | 2019 | 2020 | | |
| BE | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| BG | 4 | 1 | 0 | 5 | 0,29 % |
| CZ | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| DK | 50 | 50 | 50 | 150 | 8,69 % |
| DE | 228 | 286 | 281 | 795 | 46,03 % |
| EE | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| IE | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| EL | 2 | 10 | 2 | 14 | 0,81 % |
| ES | 233 | 252 | 90 | 575 | 33,29 % |
| FR | **0** | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| HR | 3 | 0 | 0 | 3 | 0,17 % |
| IT | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| CY | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| LV | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| LT (1) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| LU | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| HU | 14 | 1 | 0 | 15 | 0,87 % |
| MT | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| NL | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| AT | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| PL | 12 | 11 | 8 | 31 | 1,80 % |
| PT | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| RO | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| SI | 38 | 38 | 37 | 113 | 6,54 % |
| SK | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| FI | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| SE | 9 | 9 | 8 | 26 | 1,51 % |
| UK | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **Total** | **593** | **658** | **476** | **1 727** | **100,00 %** |

(1) Ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* statistika

*Tabella 4. Applikazzjonijiet għal-Liċenzji Standard irrifjutati*

| Stat Membru | Sena | | | 2018 - 2020 | Sehem mit-total f' % |
|---|---|---|---|---|---|
| | 2018 | 2019 | 2020 | | |
| **BE** | 0 | 2 | 0 | 2 | 0,46 % |
| **BG** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **CZ** | 2 | 1 | 0 | 3 | 0,69 % |
| **DK** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **DE** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **EE** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **IE** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **EL** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **ES** | 82 | 72 | 116 | 270 | 61,93 % |
| **FR** | **0** | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **HR** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **IT** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **CY** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **LV** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **LT** (1) | | | | 0 | 0,00 % |
| **LU** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **HU** | 50 | 41 | 42 | 133 | 30,50 % |
| **MT** | 2 | 0 | 2 | 4 | 0,92 % |
| **NL** | 0 | 0 | 1 | 1 | 0,23 % |
| **AT** | 1 | 1 | 3 | 5 | 1,15 % |
| **PL** | **0** | **0** | **0** | 0 | 0,00 % |
| **PT** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **RO** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **SI** | 0 | 1 | 1 | 2 | 0,46 % |
| **SK** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **FI** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **SE** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0,00 % |
| **UK** | 7 | 7 | 2 | 16 | 3,67 % |
| **Total** | **144** | **125** | **167** | 436 | 100,00 % |

(1) Ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* statistika

*Tabella 5. Każijiet ta' ksur/nuqqas ta' konformità*

| Sena | In-numru ta' SM b'sekwestri | Total ta' każijiet ta' ksur |
|---|---|---|
| 2018 (1) | 12 | 117 |
| 2019 (2) | 12 | 84 |
| 2020 (2) | 8 | 52 |
| **Total** | | **253** |

(1) Stat Membru wieħed ma pprovdiex *data*
(2) Żewġ Stati Membri ma pprovdewx *data*